Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/0232(COD)

EMENDI
27 - 113

Abbozz ta' rapport
Liesbet Sommen
(PE781.362v01-00)

Emenda tad-Direttiva 2004/37/KE fir-rigward taż-żieda ta' sustanzi u l-iffissar ta' valuri ta' limitu fl-Annessi I, III u IIIa tagħha

Proposta għal direttiva
(COM(2025)0418 – C10-0180/2025 – (2025)0418(COD))

Emenda 27
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Sabiex tittejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema kontra r-riskji mill-esponiment għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi fuq il-post tax-xogħol u jiġi żgurat l-istess livell minimu ta' protezzjoni madwar l-Unjoni, huma meħtieġa aġġornamenti regolari tad-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3]. Il-valuri ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali jenħtieġ li jiġu stabbiliti jew riveduti fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, inklużi evidenza xjentifika aġġornata u data teknika, u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt soċjoekonomiku u l-fatturi ta' fattibbiltà. Dik l-informazzjoni ***jenħtieġ li, jekk ikun possibbli,*** tinkludi opinjonijiet tal-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC, Committee for Risk Assessment) tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA, European Chemicals Agency) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] u l-opinjonijiet tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH, Advisory Committee on Safety and Health at Work)[5].	(1) Sabiex tittejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema kontra r-riskji mill-esponiment għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi fuq il-post tax-xogħol u jiġi żgurat l-istess livell minimu ta' protezzjoni madwar l-Unjoni, huma meħtieġa aġġornamenti regolari tad-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3]. Il-valuri ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali jenħtieġ li jiġu stabbiliti jew riveduti fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, inklużi evidenza xjentifika aġġornata u data teknika, u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt soċjoekonomiku u l-fatturi ta' fattibbiltà. Dik l-informazzjoni ***trid*** tinkludi opinjonijiet tal-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC, Committee for Risk Assessment) tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA, European Chemicals Agency) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] u l-opinjonijiet tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH, Advisory Committee on Safety and Health at Work)[5].

[3] Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (verżjoni kodifikata) (ĠU L 158 30.4.2004, p. 50).

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-

[3] Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (verżjoni kodifikata) (ĠU L 158 30.4.2004, p. 50).

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1).

Or. en

Emenda 28
Grégory Allione, Valérie Devaux, Jana Toom, Hristo Petrov, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Sabiex tittejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema kontra r-riskji mill-esponiment għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi fuq il-post tax-xogħol u jiġi żgurat l-istess livell minimu ta' protezzjoni madwar l-Unjoni, huma meħtieġa aġġornamenti regolari tad-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3]. Il-valuri ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali jenħtieġ li jiġu stabbiliti jew riveduti fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, inklużi evidenza xjentifika aġġornata u data teknika, u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt soċjoekonomiku u l-fatturi ta' fattibbiltà. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li, jekk ikun possibbli, tinkludi opinjonijiet	(1) Sabiex tittejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema kontra r-riskji mill-esponiment għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi fuq il-post tax-xogħol u jiġi żgurat l-istess livell minimu ta' protezzjoni madwar l-Unjoni, huma meħtieġa aġġornamenti regolari tad-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3]. Il-valuri ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali jenħtieġ li jiġu stabbiliti jew riveduti fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, inklużi evidenza xjentifika aġġornata u data teknika, u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt soċjoekonomiku u l-fatturi ta' fattibbiltà. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li, jekk ikun possibbli, tinkludi opinjonijiet

tal-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC, Committee for Risk Assessment) tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA, European Chemicals Agency) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] u l-opinjonijiet tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH, Advisory Committee on Safety and Health at Work)[5].

tal-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC, Committee for Risk Assessment) tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA, European Chemicals Agency) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] u l-opinjonijiet tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH, Advisory Committee on Safety and Health at Work)[5]. ***Jekk ma jkunx possibbli li jiġu inklużi dawk l-opinjonijiet, il-proposta biex tiġi emendata dik id-Direttiva jenħtieġ li tispjega r-raġunijiet b'mod ċar.***

---

[3] Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (verżjoni kodifikata) (ĠU L 158 30.4.2004, p. 50).

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1).

---

[3] Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (verżjoni kodifikata) (ĠU L 158 30.4.2004, p. 50).

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1).

Or. en

Emenda 29
Grégory Allione, Valérie Devaux, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jżommu protezzjoni ugwali għall-ħaddiema kollha u jenħtieġ li jiffaċilitaw il-konformità tal-SMEs inklużi tal-mikrointrapriżi mal-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva. L-SMEs inklużi l-mikrointrapriżi, li jirrappreżentaw maġġoranza kbira tal-intrapriżi fl-Unjoni, għandhom riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani limitati. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmonitorjaw u jirrapportaw l-effetti tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fuq l-SMEs inklużi l-mikrointrapriżi, b'mod partikolari kwalunkwe kompitu amministrattiv żejjed, sabiex jiġi żgurat li ma jiġux affettwati b'mod sproporzjonat u li jkollhom il-kapaċità finanzjarja u amministrattiva li jikkonformaw mal-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva. F'dan l-isfond, miżuri speċifiċi, bħal appoġġ finanzjarju u tekniku, jistgħu jgħinu lill-SMEs inklużi lill-mikrointrapriżi.

Or. en

Emenda 30
Grégory Allione, Valérie Devaux, Jana Toom, Hristo Petrov, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Id-Direttiva 2004/37/KE tkopri sustanzi ***jew*** taħlitiet li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi tal-kategorija 1A jew 1B stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u	(2) Id-Direttiva 2004/37/KE tkopri sustanzi ***u*** taħlitiet li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi tal-kategorija 1A jew 1B stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] kif ukoll

tal-Kunsill[6] kif ukoll sustanzi, taħlitiet ***jew*** proċessi msemmija fl-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għandha tiġi pprovduta evidenza xjentifika robusta għal kwalunkwe żieda ġdida fil-lista ta' sustanzi, taħlitiet u proċessi msemmija f'dak l-Anness I biex jintwera li dawn is-sustanzi, it-taħlitiet u l-proċessi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE, abbażi ta' sorsi xjentifiċi validi disponibbli bħall-ECHA, l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC, International Agency for Research on Cancer) u l-korpi nazzjonali, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lil-letteratura rieżaminata bejn il-pari dwar ***dik is-sustanza***.	sustanzi, taħlitiet ***u*** proċessi msemmija fl-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għandha tiġi pprovduta evidenza xjentifika robusta għal kwalunkwe żieda ġdida fil-lista ta' sustanzi, taħlitiet u proċessi msemmija f'dak l-Anness I biex jintwera li dawn is-sustanzi, it-taħlitiet u l-proċessi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE, abbażi ta' sorsi xjentifiċi validi disponibbli bħall-ECHA, l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC, International Agency for Research on Cancer) u l-korpi nazzjonali, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lil-letteratura rieżaminata bejn il-pari dwar ***dawk is-sustanzi, it-taħlitiet u l-proċessi***. ***Jibqa' essenzjali li l-Kummissjoni taċċellera l-proċedura għall-valutazzjoni ta' sustanzi, taħlitiet u proċessi perikolużi, bil-ħsieb li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali għal għadd akbar tagħhom u jiġi żgurat l-ogħla livell ta' protezzjoni għall-ħaddiema***.
[6] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).	[6] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

Or. en

Emenda 31
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Id-Direttiva 2004/37/KE tkopri sustanzi ***jew*** taħlitiet li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi	(2) Id-Direttiva 2004/37/KE tkopri sustanzi ***u*** taħlitiet li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi tal-

riprotossiċi tal-kategorija 1A jew 1B stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] kif ukoll sustanzi, taħlitiet ***jew*** proċessi msemmija fl-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għandha tiġi pprovduta evidenza xjentifika robusta għal kwalunkwe żieda ġdida fil-lista ta' sustanzi, taħlitiet u proċessi msemmija f'dak l-Anness I biex jintwera li dawn is-sustanzi, it-taħlitiet u l-proċessi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE, abbażi ta' sorsi xjentifiċi validi disponibbli bħall-ECHA, l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC, International Agency for Research on Cancer) u l-korpi nazzjonali, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lil-letteratura rieżaminata bejn il-pari dwar ***dik is-sustanza***.

kategorija 1A jew 1B stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] kif ukoll sustanzi, taħlitiet ***u*** proċessi msemmija fl-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għandha tiġi pprovduta evidenza xjentifika robusta għal kwalunkwe żieda ġdida fil-lista ta' sustanzi, taħlitiet u proċessi msemmija f'dak l-Anness I biex jintwera li dawn is-sustanzi, it-taħlitiet u l-proċessi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE, abbażi ta' sorsi xjentifiċi validi disponibbli bħall-ECHA, l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC, International Agency for Research on Cancer) u l-korpi nazzjonali, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lil-letteratura rieżaminata bejn il-pari dwar ***dawk is-sustanzi, it-taħlitiet u l-proċessi***.

---

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

Or. en

Emenda 32
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Għall-mutaġeni u l-maġġoranza tal-karċinoġeni, mhuwiex xjentifikament possibbli li jiġu identifikati livelli li taħthom l-esponiment ma jwassalx għal effetti avversi fuq is-saħħa. Għalkemm l-iffissar ta' valuri ta' limitu għall-esponiment fuq il-post tax-xogħol fir-rigward tal-karċinoġeni u tal-mutaġeni fid-Direttiva 2004/37/KE ma jeliminax

għalkollox ir-riskji għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema li jirriżultaw minn esponiment fuq il-post tax-xogħol (riskju residwu), dan madankollu jikkontribwixxi għal tnaqqis sinifikanti tar-riskji li jirriżultaw minn esponiment bħal dan permezz tal-approċċ gradwali u li jiffissa miri li ġew adottati f'dik id-Direttiva. Sabiex tiġi żgurata trasparenza sħiħa dwar il-livelli ta' riskju li jifdal u biex jiġi evitat il-fehim ħażin li l-valuri ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali huma sinonimi mas-sikurezza jew man-nuqqas ta' ħsara, lista ta' riskji residwi assoċjati mal-valuri ta' limitu vinkolanti tal-esponiment okkupazzjonali tal-karċinoġeni previsti f'dik id-Direttiva u fid-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] hija disponibbli fuq is-sit web tal-aġenzija EU-OSHA [1b].

[1a] Id-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28). ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/148/oj).

[1b]

https://osha.europa.eu/en/legislation/directive/directive-200437ec-carcinogens-or-mutagens-work

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ewwel parti sa "adottata f'dik id-Direttiva" hija mill-Approċċ Ġenerali tal-Kunsill, it-tieni parti toffri mod konkret li jippermetti trasparenza aħjar għall-ħaddiema affettwati.

Emenda 33
Grégory Allione, Valérie Devaux, Jana Toom, Hristo Petrov, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-ħaddiema jistgħu jkunu aktar esposti u aktar vulnerabbli għal tipi differenti ta' sustanzi skont il-ġeneru tagħhom. Għalhekk, huwa essenzjali li d-dimensjoni tal-ġeneru titqies fl-istudji xjentifiċi u fl-opinjonijiet tal-RAC, tal-ECHA u tal-ACSH. Ir-rappreżentanza tal-irġiel u tan-nisa tvarja minn impjieg għal ieħor. Filwaqt li l-irġiel huma aktar preżenti f'okkupazzjonijiet, bħall-pumpiera, b'esponiment għoli għal ċerti sustanzi perikolużi, in-nisa huma rappreżentati żżejjed fost l-infermiera, il-qwiebel, u fis-settur tat-tindif, li huma okkupazzjonijiet potenzjalment aktar esposti għal ċerti sustanzi perikolużi jew aġenti bijoloġiċi. Għalhekk huwa importanti li l-vulnerabbiltà relatata mal-ġeneru titqies meta jiġu stabbiliti l-limiti ta' esponiment okkupazzjonali, filwaqt li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa u tal-irġiel fis-suq tax-xogħol.
	Or. en

Emenda 34
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Għadd kbir ta' sustanzi li jaqgħu taħt id-Direttiva 2004/37/KE għad ma għandhom l-ebda valur ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali fil-livell tal-Unjoni, u bil-pass attwali tal-valutazzjoni xjentifika u l-iffissar ta' valuri ta' limitu, l-objettivi tal-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Fuq il-Post tax-Xogħol 2021–2027 ma jistgħux jintlaħqu. Id-dikjarazzjoni ta' La Hulpe tas-16 ta' April 2024 stqarret li huwa importanti li jitħaffef l-iffissar ta' standards minimi dwar is-sustanzi

perikoluży u li titrawwem l-evoluzzjoni lejn is-sostituzzjoni tagħhom, b'attenzjoni partikolari għall-prevenzjoni tal-kanċers okkupazzjonali. Fl-opinjoni 6-21 tiegħu tas-26 ta' Mejju 2020, l-ACSH esprima tħassib dwar il-ftehim fil-livell tas-servizz bejn l-ECHA u d-DĠ EMPL fil-Kummissjoni, meta jitqies li l-ECHA tista' tingħata l-mandat li tħejji massimu ta' ħames opinjonijiet xjentifiċi u/jew studju preliminari għal-limiti ta' esponiment okkupazzjonali (OELs) kull sena. Barra minn hekk, l-ACSH ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex b'mod urġenti ssib soluzzjoni li tippermetti żieda fil-kapaċità tat-tħejjijiet ta' opinjonijiet xjentifiċi għas-sustanzi kimiċi ta' prijorità. Barra minn hekk, f'ittra konġunta tal-5 ta' Marzu 2024, il-ministri ta' Ċipru, taċ-Ċekja, tad-Danimarka, tal-Finlandja, ta' Franza, tal-Ġermanja, tal-Italja, tal-Litwanja, tal-Lussemburgu, tan-Netherlands, tal-Portugall, tas-Slovenja, ta' Spanja u tal-Iżvezja saħqu li l-proċess tat-tħejjija ta' opinjonijiet xjentifiċi u tal-proposta ta' valuri ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali ġodda jrid jiġi aċċellerat, inkluż billi tiżdied il-kapaċità xjentifika u amministrattiva tal-korpi kollha tal-Unjoni involuti, b'mod partikolari l-ECHA. Appellaw ukoll biex dawk il-prijoritajiet ikollhom post ċentrali fil-Qafas Strateġiku tal-UE li jmiss dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Fuq il-Post tax-Xogħol u biex il-ħidma tibda diġà matul iċ-ċiklu strateġiku attwali. Għalhekk huwa meħtieġ li jissaħħu l-isforzi fil-livell tal-Unjoni biex jitħaffu l-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-aġġornament tal-valuri ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema u jiġu promossi l-produttività, l-attraenza tal-impjiegi u ekonomija sostenibbli tal-Unjoni. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li l-ECHA u d-DĠ EMPL fil-Kummissjoni jiġu allokati riżorsi usa' sabiex jiżdied l-għadd ta' sustanzi indirizzati f'emendi

futuri għad-Direttiva 2004/37/KE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jixhed dawl fuq il-kwistjoni li l-iffissar ta' limiti ta' esponiment isir bil-mod. L-ewwel reviżjonijiet tas-CMRD koprew 11 sa 13-il sustanza għal kull reviżjoni, bl-aħħar reviżjonijiet li kellhom biss 3 sa 5. Dawn l-emendi jissuġġerixxu li nerġgħu lura għall-pass ambizzjuż preċedenti.

Emenda 35
Grégory Allione, Valérie Devaux, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal direttiva
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Ċerti sustanzi koperti mid-Direttiva 2004/37/KE jintużaw f'setturi ta' importanza strateġika għall-Unjoni. Filwaqt li t-tishiħ tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-materja prima kritika, huwa objettiv ewlieni, huwa essenzjali wkoll li jiġi żgurat li l-ħaddiema kollha jirċievu livell għoli u komparabbli ta' protezzjoni kontra r-riskji għas-saħħa relatati mal-esponiment okkupazzjonali. F'dan ir-rigward, il-proċess għall-iffissar ta' valuri ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali jqis mhux biss il-kunsiderazzjonijiet xjentifiċi u tas-saħħa, iżda wkoll l-aspetti soċjoekonomiċi, li f'xi każijiet jiġġustifika li jiġu stabbiliti perjodi ta' tranżizzjoni. Għal ċerti sustanzi, l-ACSH jista' jirrakkomanda li jiġu kkunsidrati reviżjonijiet ulterjuri biex, fid-dawl tal-għarfien xjentifiku, tekniku u soċjoekonomiku li qed jevolvi, jippermetti l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet li jiggarantixxu livell ta' protezzjoni allinjat aktar mill-qrib ma' livelli aċċettabbli ta' riskju għas-saħħa tal-ħaddiema.

Or. en

Emenda 36
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-IARC ikklassifikat id-dħaħen tal-iwweldjar bħala "karċinoġeniċi għall-bnedmin" (Grupp 1 tal-klassifikazzjoni tal-IARC). Skont l-istudju[7] dwar l-ambitu tal-ECHA, id-dħaħen tal-iwweldjar huma kumplessi u jistgħu jinkludu karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi, bħall-komposti tal-kromu (VI, Chromium), il-komposti tan-nikil, il-kadmju u l-komposti inorganiċi tiegħu. Il-kumplessità u l-eteroġeneità tad-dħaħen tal-iwweldjar, flimkien man-nuqqas ta' klassifikazzjoni armonizzata fir-Regolament (KE) 1272/2008, jikkontribwixxu għal nuqqas ta' ċarezza dwar il-perikolużità possibbli tagħhom għall-ħaddiema, u għalhekk għal nuqqas ta' miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji xierqa fuq il-post tax-xogħol. L-indirizzar ta' dak in-nuqqas ta' klassifikazzjoni għad-dħaħen tal-iwweldjar fil-livell tal-Unjoni jiżgura aktar ċarezza legali f'termini tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk, f'konformità mal-opinjoni tal-ACSH[8], huwa xieraq li fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE jiġi inkluż xogħol li jinvolvi esponiment għal dħaħen minn proċessi ***ta' wweldjar*** li fihom sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għal sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.	(3) L-IARC ikklassifikat id-dħaħen tal-iwweldjar bħala "karċinoġeniċi għall-bnedmin" (Grupp 1 tal-klassifikazzjoni tal-IARC). Skont l-istudju[7] dwar l-ambitu tal-ECHA, id-dħaħen tal-iwweldjar ***mill-iwweldjar u minn proċessi li jiġġeneraw dħaħen b'mod simili,*** huma kumplessi u jistgħu jinkludu karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi, bħall-komposti tal-kromu (VI, Chromium), il-komposti tan-nikil, il-kadmju u l-komposti inorganiċi tiegħu. Il-kumplessità u l-eteroġeneità tad-dħaħen tal-iwweldjar ***u ta' dħaħen oħrajn***, flimkien man-nuqqas ta' klassifikazzjoni armonizzata fir-Regolament (KE) 1272/2008, jikkontribwixxu għal nuqqas ta' ċarezza dwar il-perikolużità possibbli tagħhom għall-ħaddiema, u għalhekk għal nuqqas ta' miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji xierqa fuq il-post tax-xogħol. L-indirizzar ta' dak in-nuqqas ta' klassifikazzjoni għad-dħaħen tal-iwweldjar fil-livell tal-Unjoni jiżgura aktar ċarezza legali f'termini tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk, f'konformità mal-opinjoni tal-ACSH[8], huwa xieraq li fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE jiġi inkluż xogħol li jinvolvi esponiment għal dħaħen ***mill-iwweldjar u*** minn proċessi ***li jiġġeneraw dħaħen b'mod simili,*** li fihom sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għal sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. ***Dik l-opinjoni tal-ACSH identifikat ukoll il-ħtieġa ta' aktar miżuri biex jitnaqqsu l-effetti fuq is-saħħa tal-esponiment għall-partikoli mid-dħaħen tal-iwweldjar u minn sorsi oħra, inkluż l-iffissar ta' limitu***

ġenerali ta' trab skont id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE[8a]. Fl-opinjoni tiegħu tat-22 ta' Settembru 2023 dwar id-dħaħen tal-iwweldjar, l-ACSH irrakkomanda wkoll bil-qawwa li tiġi żviluppata gwida dwar id-dħaħen tal-iwweldjar. Minbarra l-gwida li diġà hemm, bħall-Gwida għall-Ispetturi Nazzjonali tax-Xogħol dwar kif jiġu indirizzati r-riskji għas-saħħa mid-Dħaħen tal-Iwweldjar [8b] żviluppata mill-Kumitat ta' Spetturi Għolja tax-Xogħol fl-2018, gwida ulterjuri, abbażi tal-aħħar evidenza xjentifika, tista' tkun kruċjali biex tgħin lill-ispetturi tax-xogħol u lill-intrapriżi, speċjalment l-SMEs u l-mikrointrapriżi, biex jiżguraw il-konformità mal-entrata rilevanti tad-dħaħen tal-iwweldjar fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE. Tali gwida tista' sservi biex tippromwovi, fost l-oħrajn, livell għoli minimu komuni ta' protezzjoni għall-ħaddiema kollha esposti għad-dħaħen tal-iwweldjar madwar l-Istati Membri. Huwa xieraq ukoll li l-Kummissjoni tagħti prijorità lill-valutazzjoni tal-utilità ta' gwida ulterjuri fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-Qafas Strateġiku attwali tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Fuq il-Post tax-Xogħol u l-iżvilupp tal-Qafas Strateġiku tal-UE possibbli għal wara l-2027.

---

[7] ECHA (2022), Scoping Study report for evaluation of limit values for welding fumes and fumes from other processes that generate fume in a similar way at the workplace, disponibbli fuq: report_welding_fumes_en.pdf (europa.eu)

[8] ACSH (2023), Opinion on introducing work involving exposure to fumes from welding processes containing substances that meet the criteria for CMR category 1A/1B set out in Annex I to the CLP Regulation, Doc. 006/23, disponibbli fuq: ACSH Adopted opinion Welding fumes 22.09.23-EN.pdf (europa.eu)

---

[7] ECHA (2022), Scoping Study report for evaluation of limit values for welding fumes and fumes from other processes that generate fume in a similar way at the workplace, disponibbli fuq: report_welding_fumes_en.pdf (europa.eu)

[8] ACSH (2023), Opinion on introducing work involving exposure to fumes from welding processes containing substances that meet the criteria for CMR category 1A/1B set out in Annex I to the CLP Regulation, Doc. 006/23, disponibbli fuq: ACSH Adopted opinion Welding fumes 22.09.23-EN.pdf (europa.eu)

[8a] Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7

ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema minn riskji relatati ma' aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, tal-5.5.1998, p. 11).

[8b] Il-Kumitat tal-Ispetturi Għolja tax-Xogħol (2018), Guidance for National Labour Inspectors on addressing health risks from Welding Fume. Disponibbli fuq: https://circabc.europa.eu/ui/group/fea534f4-2590-4490-bca6-504782b47c79/library/2997b89a-1fbd-4f35-9874-9a9b5ea1a403?p=1&n=-1&sort=name_ASC

Or. en

Emenda 37
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-IARC ikklassifikat id-dħaħen tal-iwweldjar bħala "karċinoġeniċi għall-bnedmin" (Grupp 1 tal-klassifikazzjoni tal-IARC). Skont l-istudju[7] dwar l-ambitu tal-ECHA, id-dħaħen ***tal-iwweldjar*** huma kumplessi u jistgħu jinkludu karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi, bħall-komposti tal-kromu (VI, Chromium), il-komposti tan-nikil, il-kadmju u l-komposti inorganiċi tiegħu. Il-kumplessità u l-eteroġeneità tad-dħaħen tal-iwweldjar, flimkien man-nuqqas ta' klassifikazzjoni armonizzata fir-Regolament (KE) 1272/2008, jikkontribwixxu għal nuqqas ta' ċarezza dwar il-perikolużità possibbli tagħhom għall-ħaddiema, u għalhekk għal nuqqas ta' miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji xierqa fuq il-post tax-xogħol. L-indirizzar ta' dak in-nuqqas ta' klassifikazzjoni għad-	(3) L-IARC ikklassifikat id-dħaħen tal-iwweldjar bħala "karċinoġeniċi għall-bnedmin" (Grupp 1 tal-klassifikazzjoni tal-IARC). Skont l-istudju[7] dwar l-ambitu tal-ECHA, id-dħaħen ***mill-iwweldjar u d-dħaħen minn proċessi oħra li jiġġeneraw id-duħħan b'mod simili fuq il-post tax-xogħol*** huma kumplessi u jistgħu jinkludu karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi, bħall-komposti tal-kromu (VI, Chromium), il-komposti tan-nikil, il-kadmju u l-komposti inorganiċi tiegħu. Il-kumplessità u l-eteroġeneità tad-dħaħen tal-iwweldjar, flimkien man-nuqqas ta' klassifikazzjoni armonizzata fir-Regolament (KE) 1272/2008, jikkontribwixxu għal nuqqas ta' ċarezza dwar il-perikolużità possibbli tagħhom għall-ħaddiema, u għalhekk għal nuqqas

dħaħen tal-iwweldjar fil-livell tal-Unjoni jiżgura aktar ċarezza legali f'termini tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk, f'konformità mal-opinjoni tal-ACSH[8], huwa xieraq li fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE jiġi inkluż xogħol li jinvolvi esponiment għal dħaħen minn proċessi ***ta' wweldjar*** li fihom sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għal sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

[7] ECHA (2022), Scoping Study report for evaluation of limit values for welding fumes and fumes from other processes that generate fume in a similar way at the workplace, disponibbli fuq:

ta' miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji xierqa fuq il-post tax-xogħol. L-indirizzar ta' dak in-nuqqas ta' klassifikazzjoni għad-dħaħen tal-iwweldjar fil-livell tal-Unjoni jiżgura aktar ċarezza legali f'termini tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk, f'konformità mal-opinjoni tal-ACSH[8], huwa xieraq li fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE jiġi inkluż xogħol li jinvolvi esponiment għal dħaħen ***mill-iwweldjar u*** minn proċessi li ***jiġġeneraw dħaħen b'mod simili u li*** fihom sustanzi ***jew taħlitiet*** li jissodisfaw il-kriterji għal sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B ***Fl-opinjoni tagħha dwar id-dħaħen tal-iwweldjar, l-ACSH tirrakkomanda wkoll miżuri ulterjuri biex jitnaqqsu l-effetti fuq is-saħħa tal-esponiment għall-partikoli mid-dħaħen tal-iwweldjar u minn sorsi oħra, inkluż l-iffissar ta' limitu ġenerali ta' trab skont id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE. L-ACSH irrakkomanda wkoll bil-qawwa li tiġi żviluppata gwida ulterjuri dwar id-dħaħen tal-iwweldjar flimkien ma' dawk li diġà jeżistu. Gwida ulterjuri, abbażi tal-aħħar evidenza xjentifika, tista' sservi biex tassisti aħjar lill-ispetturi tax-xogħol u lill-intrapriżi, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-mikrointrapriżi, biex tiġi żgurata l-konformità mal-entrata rilevanti tad-dħaħen tal-iwweldjar fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE. Tali gwida tista' sservi biex tippromwovi, fost l-oħrajn, livell għoli minimu komuni ta' protezzjoni għall-ħaddiema kollha esposti għad-dħaħen tal-iwweldjar madwar l-Istati Membri.***

[7] ECHA (2022), Scoping Study report for evaluation of limit values for welding fumes and fumes from other processes that generate fume in a similar way at the workplace, disponibbli fuq:

report_welding_fumes_en.pdf (europa.eu)

[8] ACSH (2023), Opinion on introducing work involving exposure to fumes from welding processes containing substances that meet the criteria for CMR category 1A/1B set out in Annex I to the CLP Regulation, Doc. 006/23, disponibbli fuq: ACSH Adopted opinion Welding fumes 22.09.23-EN.pdf (europa.eu)

report_welding_fumes_en.pdf (europa.eu)

[8] ACSH (2023), Opinion on introducing work involving exposure to fumes from welding processes containing substances that meet the criteria for CMR category 1A/1B set out in Annex I to the CLP Regulation, Doc. 006/23, disponibbli fuq: ACSH Adopted opinion Welding fumes 22.09.23-EN.pdf (europa.eu)

Or. en

Emenda 38
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-IARC ikklassifikat id-dħaħen tal-iwweldjar bħala "karċinoġeniċi għall-bnedmin" (Grupp 1 tal-klassifikazzjoni tal-IARC). Skont l-istudju[7] dwar l-ambitu tal-ECHA, id-dħaħen tal-iwweldjar huma kumplessi u jistgħu jinkludu karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi, bħall-komposti tal-kromu (VI, Chromium), il-komposti tan-nikil, il-kadmju u l-komposti inorganiċi tiegħu. Il-kumplessità u l-eteroġeneità tad-dħaħen tal-iwweldjar, flimkien man-nuqqas ta' klassifikazzjoni armonizzata fir-Regolament (KE) 1272/2008, jikkontribwixxu għal nuqqas ta' ċarezza dwar il-perikolużità possibbli tagħhom għall-ħaddiema, u għalhekk għal nuqqas ta' miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji xierqa fuq il-post tax-xogħol. L-indirizzar ta' dak in-nuqqas ta' klassifikazzjoni għad-dħaħen tal-iwweldjar fil-livell tal-Unjoni jiżgura aktar ċarezza legali f'termini tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk, f'konformità mal-opinjoni tal-ACSH[8], huwa xieraq li fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE jiġi inkluż xogħol li jinvolvi esponiment għal dħaħen minn proċessi ta' wweldjar li fihom sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għal sustanza jew	(3) L-IARC ikklassifikat id-dħaħen tal-iwweldjar bħala "karċinoġeniċi għall-bnedmin" (Grupp 1 tal-klassifikazzjoni tal-IARC). Skont l-istudju[7] dwar l-ambitu tal-ECHA, id-dħaħen tal-iwweldjar huma kumplessi u jistgħu jinkludu karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi, bħall-komposti tal-kromu (VI, Chromium), il-komposti tan-nikil, il-kadmju u l-komposti inorganiċi tiegħu. Il-kumplessità u l-eteroġeneità tad-dħaħen tal-iwweldjar, flimkien man-nuqqas ta' klassifikazzjoni armonizzata fir-Regolament (KE) 1272/2008, jikkontribwixxu għal nuqqas ta' ċarezza dwar il-perikolużità possibbli tagħhom għall-ħaddiema, u għalhekk għal nuqqas ta' miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji xierqa fuq il-post tax-xogħol. L-indirizzar ta' dak in-nuqqas ta' klassifikazzjoni għad-dħaħen tal-iwweldjar fil-livell tal-Unjoni jiżgura aktar ċarezza legali f'termini tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk, f'konformità mal-opinjoni tal-ACSH[8], huwa xieraq li fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE jiġi inkluż xogħol li jinvolvi esponiment għal dħaħen minn proċessi ta' wweldjar li fihom sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għal sustanza jew

taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. ***Huwa xieraq ukoll li jittieħdu miżuri ulterjuri, li huma rakkomandati wkoll mill-opinjoni tal-ACSH, bħall-iffissar ta' limitu ġenerali ta' trab fid-Direttiva 98/24/KE u l-iżvilupp ta' gwida dwar id-dħaħen tal-iwweldjar biex jiġu speċifikati f'aktar dettall id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE. Barra minn hekk, biex jitnaqqsu d-dħaħen tal-iwweldjar u tittejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippromwovi l-aħjar prattiki eżistenti u tappoġġja l-iskambji fost l-Istati Membri.***

---

[7] ECHA (2022), Scoping Study report for evaluation of limit values for welding fumes and fumes from other processes that generate fume in a similar way at the workplace, disponibbli fuq: report_welding_fumes_en.pdf (europa.eu)

[8] ACSH (2023), Opinion on introducing work involving exposure to fumes from welding processes containing substances that meet the criteria for CMR category 1A/1B set out in Annex I to the CLP Regulation, Doc. 006/23, disponibbli fuq: ACSH Adopted opinion Welding fumes 22.09.23-EN.pdf (europa.eu)

[7] ECHA (2022), Scoping Study report for evaluation of limit values for welding fumes and fumes from other processes that generate fume in a similar way at the workplace, disponibbli fuq: report_welding_fumes_en.pdf (europa.eu)

[8] ACSH (2023), Opinion on introducing work involving exposure to fumes from welding processes containing substances that meet the criteria for CMR category 1A/1B set out in Annex I to the CLP Regulation, Doc. 006/23, disponibbli fuq: ACSH Adopted opinion Welding fumes 22.09.23-EN.pdf (europa.eu)

Or. en

Emenda 39
Grégory Allione, Valérie Devaux, Jana Toom, Hristo Petrov, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Fl-opinjoni tiegħu tat-22 ta' Settembru 2023 dwar id-dħaħen tal-

iwweldjar, l-ACSH irrakkomanda bil-qawwa li tiġi żviluppata gwida dwar id-dħaħen tal-iwweldjar. Minbarra l-gwida li diġà hemm, bħall-Gwida għall-Ispetturi Nazzjonali tax-Xogħol dwar kif jiġu indirizzati r-riskji għas-saħħa mid-dħaħen tal-Iwweldjar żviluppata mill-Kumitat ta' Spetturi Għolja tax-Xogħol fl-2018, gwida ulterjuri, ibbażata fuq l-aħħar evidenza xjentifika, tista' tkun kruċjali biex tgħin lill-ispetturi tax-xogħol u lill-intrapriżi, speċjalment lill-SMEs inklużi l-mikrointrapriżi, jiżguraw il-konformità mal-entrata rilevanti tad-dħaħen tal-iwweldjar fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE. Tali gwida tista' sservi biex tippromwovi, fost l-oħrajn, livell għoli minimu komuni ta' protezzjoni għall-ħaddiema kollha esposti għad-dħaħen tal-iwweldjar madwar l-Istati Membri. Huwa xieraq ukoll li l-Kummissjoni tagħti prijorità lill-valutazzjoni tal-utilità ta' gwida ulterjuri fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-Qafas Strateġiku attwali tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Fuq il-Post tax-Xogħol u l-iżvilupp tal-Qafas Strateġiku tal-UE possibbli għal wara l-2027.

Or. en

Emenda 40
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Għall-kobalt u għall-komposti inorganiċi tiegħu, huwa prevedibbli li ***se*** jkun diffiċli li tintlaħaq konformità ma' valur ta' limitu ta' 0,01 mg/m³ għall-frazzjoni inalabbli u ta' 0,0025 mg/m³ għall-frazzjoni respirabbli fuq terminu qasir. Għalhekk huwa xieraq li jiġi introdott perjodu ta' tranżizzjoni ta' 6 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, li matulu jenħtieġ li japplikaw il-valuri ta' limitu ta' 0,02 mg/m³ (frazzjoni inalabbli)	(6) Għall-kobalt u għall-komposti inorganiċi tiegħu, huwa prevedibbli li ***jista'*** jkun diffiċli li tintlaħaq konformità ma' valur ta' limitu ta' 0,01 mg/m³ għall-frazzjoni inalabbli u ta' 0,0025 mg/m³ għall-frazzjoni respirabbli fuq terminu qasir ***b'sempliċement miżuri tekniċi u organizzattivi, għalkemm il-konformità mal-valur ta' limitu se tkun tista' tinkiseb ugwalment permezz tal-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali bħala l-aħħar***

u ta’ 0,0042 mg/m³ (frazzjoni respirabbli).	***alternattiva***. Għalhekk huwa xieraq li jiġi introdott perjodu ta’ tranżizzjoni ta’ 6 snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva, li matulu jenħtieġ li japplikaw il-valuri ta’ limitu ta’ 0,02 mg/m³ (frazzjoni inalabbli) u ta’ 0,0042 mg/m³ (frazzjoni respirabbli). L-impjegaturi li jużaw il-kobalt u l-komposti inorganiċi tiegħu fuq il-post tax-xogħol jeħtiġilhom jagħmlu ħilithom biex ifittxu b’mod attiv proċessi ta’ sostituzzjoni matul il-perjodu ta’ tranżizzjoni sabiex jippermettu alternattivi aktar sikuri fit-tul u jikkonformaw mal-valuri ta’ limitu fil-perjodu ta’ żmien previst f’din id-Direttiva.
	Or. en

Emenda 41
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Għall-kobalt u għall-komposti inorganiċi tiegħu, huwa prevedibbli li se jkun diffiċli li tintlaħaq konformità ma’ valur ta’ limitu ta’ 0,01 mg/m³ għall-frazzjoni inalabbli u ta’ 0,0025 mg/m³ għall-frazzjoni respirabbli fuq terminu qasir. Għalhekk huwa xieraq li jiġi introdott perjodu ta’ tranżizzjoni ta’ 6 snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva, li matulu jenħtieġ li japplikaw il-valuri ta’ limitu ta’ 0,02 mg/m³ (frazzjoni inalabbli) u ta’ 0,0042 mg/m³ (frazzjoni respirabbli).	(6) Għall-kobalt u għall-komposti inorganiċi tiegħu, huwa prevedibbli li se jkun diffiċli li tintlaħaq konformità ma’ valur ta’ limitu ta’ 0,01 mg/m³ għall-frazzjoni inalabbli u ta’ 0,0025 mg/m³ għall-frazzjoni respirabbli fuq terminu qasir. Għalhekk huwa xieraq li jiġi introdott perjodu ta’ tranżizzjoni ta’ 6 snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva, li matulu jenħtieġ li japplikaw il-valuri ta’ limitu ta’ 0,02 mg/m³ (frazzjoni inalabbli) u ta’ 0,0042 mg/m³ (frazzjoni respirabbli). ***Barra minn hekk, l-ACSH jagħti parir li, sa mhux aktar tard minn 13-il sena wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha r-riżultat ta’ studju li jivvaluta l-fattibbiltà li tkompli tnaqqas il-valur ta’ limitu tal-esponiment okkupazzjonali respirabbli għal livell li jikkorrispondi għal riskju residwu ta’ 4: 10000 u biex tiġi vverifikata l-ħtieġa li titnaqqas aktar il-frazzjoni inalabbli. Dan jippermetti li tinkiseb esperjenza bl-OELs ta’ 10 µg/m³ għall-frazzjoni inalabbli u 2.5 µg/m³ għall-***

frazzjoni respirabbli. Dan l-istudju jeħtieġlu jqis l-opinjoni tal-RAC tal-2022 u kwalunkwe informazzjoni rilevanti ġdida. Abbażi tar-riżultati ta' dak l-istudju, l-ACSH jagħti parir li jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi, fejn xieraq, emendi meħtieġa relatati mal-kobalt u l-komposti inorganiċi tiegħu mingħajr dewmien.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija mir-rakkomandazzjoni tal-ACSH dwar il-kobalt. Tissottolinja l-kunsens fl-ACSH biex ikompli jitnaqqas il-valur ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali maż-żmien. Dan jikkuntrasta mas-suġġeriment tar-Rapporteur li l-perjodu ta' tranżizzjoni jsir permanenti. Il-"Metodoloġija li tistabbilixxi valuri ta' limitu bbażati fuq ir-riskju għal karċinoġeni mingħajr livell limitu" (p. 6) tal-Kummissjoni, tisħaq li l-limitu massimu ta' esponiment okkupazzjonali (jiġifieri 1: 4000, limitu ekwivalenti ta' esponiment okkupazzjonali ssuġġerit mir-Rapporteur) jenħtieġ li jkun possibbli biss f'perjodi ta' tranżizzjoni u ma jillimitax b'mod permanenti l-AM3 tar-Rapporteur.

Emenda 42
Grégory Allione, Valérie Devaux, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Għall-kobalt u għall-komposti inorganiċi tiegħu, huwa prevedibbli li se jkun diffiċli li tintlaħaq konformità ma' valur ta' limitu ta' 0,01 mg/m³ għall-frazzjoni inalabbli u ta' 0,0025 mg/m³ għall-frazzjoni respirabbli fuq terminu qasir. Għalhekk huwa xieraq li jiġi introdott perjodu ta' tranżizzjoni ta' 6 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, li matulu jenħtieġ li japplikaw il-valuri ta' limitu ta' 0,02 mg/m³ (frazzjoni inalabbli) u ta' 0,0042 mg/m³ (frazzjoni respirabbli).	(6) Għall-kobalt u għall-komposti inorganiċi tiegħu, huwa prevedibbli li se jkun diffiċli li tintlaħaq konformità ma' valur ta' limitu ta' 0,01 mg/m³ għall-frazzjoni inalabbli u ta' 0,0025 mg/m³ għall-frazzjoni respirabbli fuq terminu qasir. Għalhekk huwa xieraq li jiġi introdott perjodu ta' tranżizzjoni ta' 6 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, li matulu jenħtieġ li japplikaw il-valuri ta' limitu ta' 0,02 mg/m³ (frazzjoni inalabbli) u ta' 0,0042 mg/m³ (frazzjoni respirabbli). ***Xi setturi jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jikkonformaw mal-limiti tal-esponiment okkupazzjonali (OELs). F'dawk is-setturi, jeħtieġ li jintuża tagħmir protettiv respiratorju (RPE) biex***

jiġi żgurat li l-ħaddiema jkunu protetti kif xieraq.

Or. en

Emenda 43
Grégory Allione, Valérie Devaux, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal direttiva
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) F'konformità mal-opinjoni tal-ACSH, mhux aktar tard minn 13-il sena wara li din id-Direttiva tidħol fis-seħħ, huwa rrakkomandat li l-Kummissjoni jkollha r-riżultati ta' studju li jivvalutaw il-fattibbiltà li tkompli tnaqqas l-OEL respirabbli għal livell li jikkorrispondi għal riskju residwu ta' 4: 10000, u li tivverifika l-ħtieġa li tkompli tnaqqas il-frazzjoni inalabbli. Dan jippermetti li tinkiseb esperjenza bl-OELs ta' 10 µg/m³ għall-frazzjoni inalabbli u 2.5 µg/m³ għall-frazzjoni respirabbli. Dan l-istudju jeħtieġlu jqis l-opinjoni tal-RAC tal-2022 u kwalunkwe informazzjoni rilevanti ġdida. Abbażi tar-riżultati ta' dan l-istudju, qed jiġi rakkomandat li l-Kummissjoni tipproponi, fejn xieraq u mingħajr dewmien, l-emendi u l-aġġustamenti meħtieġa rigward il-kobalt u l-komposti inorganiċi tiegħu.

Or. en

Emenda 44
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Għat-taħlitiet tal-PAHs, huwa prevedibbli li se jkun diffiċli għal xi setturi li jikkonformaw ma' valur ta' limitu ta' 0,00007 mg/m³ (imkejjel bħala	(8) Għat-taħlitiet tal-PAHs, huwa prevedibbli li se jkun diffiċli għal xi setturi li jikkonformaw ma' valur ta' limitu ta' 0,00007 mg/m³ (imkejjel bħala

benżo(a)piren) fuq terminu qasir. Għalhekk huwa xieraq li jiġi introdott perjodu ta' tranżizzjoni ta' 6 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, li matulu jenħtieġ li japplika l-valur ta' limitu ta' 0,00014 mg/m³ (imkejjel bħala benżo(a)piren). Dak il-perjodu ta' tranżizzjoni jenħtieġ li jkun limitat għas-setturi li ġejjin: (a) il-fonderiji tal-azzar u tal-ħadid, li jinkludu manifatturi tal-ferroligi; (b) il-manifatturi tal-aluminju; (c) il-manifatturi tal-elettrodi tal-karbonju u tal-grafit; (d) l-impjanti tal-produzzjoni tal-kokk; (e) id-distillazzjoni tal-qatran tal-faħam; (f) il-manifatturi ta' prodotti refrattarji; (g) l-iwweldjar tal-binarji ferrovjarji; (h) proċessi metallurġiċi oħra li ma jinvolvux il-ħadid; u (i) l-ikkastjar tal-metalli.	benżo(a)piren) fuq terminu qasir. Għalhekk huwa xieraq li jiġi introdott perjodu ta' tranżizzjoni ta' 6 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, li matulu jenħtieġ li japplika l-valur ta' limitu ta' 0,00014 mg/m³ (imkejjel bħala benżo(a)piren). Dak il-perjodu ta' tranżizzjoni jenħtieġ li jkun limitat għas-setturi li ġejjin: (a) il-fonderiji tal-azzar u tal-ħadid, li jinkludu manifatturi tal-ferroligi; (b) il-manifatturi tal-aluminju; (c) il-manifatturi tal-elettrodi tal-karbonju u tal-grafit; (d) l-impjanti tal-produzzjoni tal-kokk; (e) id-distillazzjoni tal-qatran tal-faħam; (f) il-manifatturi ta' prodotti refrattarji; (g) l-iwweldjar tal-binarji ferrovjarji; (h) proċessi metallurġiċi oħra li ma jinvolvux il-ħadid; u (i) l-ikkastjar tal-metalli. ***L-impjegaturi li jużaw taħlitiet ta' PAHs fuq il-post tax-xogħol f'dawk is-setturi jeħtiġilhom jagħmlu ħilithom biex ifittxu b'mod attiv proċessi ta' sostituzzjoni matul il-perjodu ta' tranżizzjoni sabiex jippermettu alternattivi aktar sikuri fit-tul u jikkonformaw mal-valur ta' limitu fil-perjodu ta' żmien previst f'din id-Direttiva. Barra minn hekk, dan il-perjodu ta' tranżizzjoni jenħtieġ li ma jiġix interpretat bħala ġustifikazzjoni għal dewmien fil-prevenzjoni għall-ħaddiema f'setturi oħra affettwati minn taħlitiet ta' PAHs, bħall-pumpiera u s-servizzi ta' emerġenza.***
	Or. en

Emenda 45
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) L-isopren jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniku (tal-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu kif definit

fid-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk huwa xieraq, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluża d-data xjentifika u teknika, inklużi l-opinjonijiet tal-RAC[1a] u tal-ACSH, li jiġi stabbilit valur ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali fit-tul ta' 8,5 mg/m3 (3 ppm).

[1a] https://echa.europa.eu/oels-activity-list/-/substance-rev/62301/term

Or. en

Emenda 46
Grégory Allione, Valérie Devaux, Jana Toom, Hristo Petrov, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) L-isopren jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniku (tal-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu kif definit fid-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk huwa xieraq, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluża d-data xjentifika u teknika, inklużi l-opinjonijiet tal-RAC u tal-ACSH, li jiġi stabbilit valur ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali fit-tul ta' 8,5 mg/m3 (3 ppm).

Or. en

Emenda 47
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) Esponiment għal żmien qasir jew esponiment wieħed għall-isopren jista' jikkawża irritazzjoni fl-imnieħer, fil-

	gerżuma u fil-pulmun, u jista' jwassal għal sintomi bħal uġigħ ta' ras jew sturdament. Esponiment kroniku u għoli jista' jwassal għall-kanċer tal-fwied iżda wkoll għall-anemija, għad-deġenerazzjoni tal-epitelju tax-xamm u għad-deġenerazzjoni tal-materja bajda tas-sinsla tad-dahar. Filwaqt li għalissa l-esponiment tal-ħaddiema għadu baxx, madankollu huwa meħtieġ limitu vinkolanti ta' esponiment okkupazzjonali għall-isopren biex jiġu evitati riskji potenzjali li jirriżultaw fil-futur u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-Istati Membri kollha.
	Or. en

Emenda 48
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-1,4-diossan jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza karċinoġenika (il-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk, huwa xieraq, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluża d-data xjentifika u teknika, inklużi l-opinjonijiet tal-RAC[12] u tal-ACSH, li jiġi stabbilit valur ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali fit-tul u għal żmien qasir ta' 7,3 mg/m³ (2 ppm) u 73 mg/m³ (20 ppm), rispettivament, issupplimentat b'notazzjoni dwar il-ġilda u valur ta' limitu bijoloġiku ta' 45 mg HEEA fl-awrina/g ta' kreatinina, fi tmiem l-esponiment jew il-bidla.	(9) Il-1,4-diossan jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza karċinoġenika (il-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk, huwa xieraq, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluża d-data xjentifika u teknika, inklużi l-opinjonijiet tal-RAC[12] u tal-ACSH, li jiġi stabbilit valur ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali fit-tul u għal żmien qasir ta' 7,3 mg/m³ (2 ppm) u 73 mg/m³ (20 ppm), rispettivament, issupplimentat b'notazzjoni dwar il-ġilda u valur ta' limitu bijoloġiku ta' 45 mg HEEA fl-awrina/g ta' kreatinina, ***imkejla*** fi tmiem l-esponiment jew il-bidla.
[12] https://echa.europa.eu/oels-activity-list/-/substance-rev/61801	[12] https://echa.europa.eu/oels-activity-list/-/substance-rev/61801
	Or. en

Emenda 49
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) L-isopren jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu (tal-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu kif definit fid-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk huwa xieraq, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluża d-data xjentifika u teknika, inklużi l-opinjonijiet tal-RAC u tal-ACSH, li jiġi stabbilit valur ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali fit-tul ta' 8,5 mg/m3 (3 ppm).

Or. en

Emenda 50
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9b) Il-ħaddiema f'diversi setturi, inklużi l-operazzjonijiet tal-avjazzjoni fuq l-art, jistgħu jkunu esposti għall-emissjonijiet tal-egżost mill-magni tal-inġenji tal-ajru ("egżost tal-ġettijiet"), taħlita kumplessa ta' partikoli ultrafini u sustanzi perikoluż. L-evidenza mill-ispezzjonijiet, mir-rieżamijiet tal-letteratura u mill-azzjoni ta' infurzar turi li l-egżost tal-inġenji tal-ajru fih għadd ta' sustanzi karċinoġeniċi u li l-esponiment jista' jilħaq livelli estremament għoljin f'kundizzjonijiet tax-xogħol reali. Fid-deċiżjoni finali tagħha tat-3 ta' April 2025 dwar l-ajruport ta' Schiphol, l-Awtorità tax-Xogħol tan-Netherlands sabet li l-

ħaddiema kienu esposti b'mod regolari għal konċentrazzjonijiet eċċezzjonalment għoljin ta' partikoli ultrafini — xi drabi jilħqu diversi miljuni ta' partikoli għal kull cm³ — u f'ħafna każijiet kienu jinsabu direttament fit-triq tal-egżost tal-magna tal-inġenji tal-ajru matul l-operazzjonijiet ta' rutina. L-awtorità tax-Xogħol tan-Netherlands identifikat 142 sustanza u 15-il grupp ta' sustanzi fl-egżost tal-inġenji tal-ajru, inklużi 44 ikklassifikati bħala karċinoġeniċi, u kkonkludiet li l-esponiment ħoloq riskju serju u urġenti għas-saħħa tal-ħaddiema, inklużi riskji akbar ta' kanċer tal-pulmun, kanċer tal-bużżieqa tal-awrina, mard pulmonari ostruttiv kroniku (COPD) u mard kardjovaskulari. F'dik id-deċiżjoni, ġew imposti miżuri estensivi u obbligatorji biex jitnaqqas l-esponiment. Minħabba s-severità tal-konsegwenzi fuq is-saħħa, l-esponiment mifrux li ntwera, u n-nuqqas ta' valur ta' limitu armonizzat fil-livell tal-Unjoni, huwa meħtieġ li l-Unjoni taċċellera l-valutazzjoni xjentifika u timxi 'l quddiem biex tiffissa valur ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali għall-emissjonijiet tal-egżost mill-magni tal-inġenji tal-ajru.

Or. en

Emenda 51
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-	(11) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-

Liġijiet[13]. Meta tistabbilixxi jew tirrevedi l-valuri ta' limitu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-RAC u lill-ACSH biex tiżgura li dawn ikunu bbażati fuq l-evidenza, ikunu proporzjonati u jkunu jistgħu jitkejlu.	Liġijiet[13]. Meta tistabbilixxi jew tirrevedi l-valuri ta' limitu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-RAC u lill-ACSH biex tiżgura li dawn ikunu bbażati fuq l-evidenza, ikunu proporzjonati u jkunu jistgħu jitkejlu. ***Il-parir ipprovdut kemm mill-RAC kif ukoll mill-ACSH huwa kruċjali, b'mod partikolari l-kunsens tripartitiku tal-ACSH li ntlaħaq mill-gvernijiet u mis-sħab soċjali. L-opinjonijiet esperti tagħhom, li huma bbażati fuq evidenza xjentifika, esperjenza prattika u realtajiet fuq il-post tax-xogħol madwar l-Unjoni, jirriflettu appoġġ wiesa', u b'hekk isaħħu l-validità tal-parir tagħhom, u jtejbu l-effettività tal-implimentazzjoni fl-Istati Membri.***
[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.	[13] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Or. en

Emenda 52
Grégory Allione, Valérie Devaux, Jana Toom, Hristo Petrov, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Il-pumpiera u l-persunal tas-servizzi ta' emerġenza huma f'riskju ta' esponiment għal karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi riprotossiċi waqt xogħolhom. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa kklassifikat l-esponiment okkupazzjonali tal-pumpiera bħala karċinoġeniku. Għalhekk, il-miżuri preventivi huma ta' importanza ewlenija, u din ir-reviżjoni jeħtiġilha ssaħħaħ il-protezzjoni tal-pumpiera kontra l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAHs). Ġiet żviluppata gwida importanti dwar ir-riskji li jirriżultaw mill-esponiment għall-asbestos, inkluża gwida speċifika għas-settur għall-pumpiera u għall-persunal tas-servizzi ta' emerġenza. Minbarra l-miżuri preventivi meħtieġa previsti f'din id-Direttiva,

jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta mal-ACSH dwar il-ħtieġa li taġġorna r-Rakkomandazzjoni tagħha (UE) 2022/2337[1a] dwar l-iskeda Ewropea tal-mard okkupazzjonali, bil-ħsieb li tħeġġeġ lill-Istati Membri jintroduċu miżuri ta' prevenzjoni msaħħa fil-livell okkupazzjonali u dispożizzjonijiet li jippermettu kumpens aħjar għall-kundizzjonijiet suspettati li huma marbuta mal-esponiment okkupazzjonali f'ċerti professjonijiet.

_____

[1a] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2337 tat-28 ta' Novembru 2022 dwar l-iskeda Ewropea tal-mard okkupazzjonali (ĠU L 309, 30.11.2022, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2022/2337/oj).

Or. en

Emenda 53
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-kobalt jintuża f'diversi setturi ta' importanza strateġika biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fil-Liġi tal-Unjoni dwar il-Klima, bħas-settur tal-batteriji. L-avvanz tat-tranżizzjoni industrijali, l-istimulazzjoni tal-ekonomija ċirkolari u ż-żamma u t-tisħiħ tal-awtonomija strateġika internazzjonali fil-materja prima huma kollha prijoritajiet tal-Unjoni, bħalma huwa l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, il-prevenzjoni tal-mard fiżiku, u l-evitar tas-sorsi ta' periklu għas-saħħa fiżika f'konformità mal-Artikolu 168(1) tat-TFUE, filwaqt li l-Prinċipju 10 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

jipprevedi d-dritt tal-ħaddiema għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tagħhom fuq il-post tax-xogħol, u dan jinkludi l-protezzjoni mill-esponiment għal karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi riprotossiċi fuq il-post tax-xogħol. Il-valutazzjoni tal-impatt li twettqet mill-Kummissjoni tikkonferma li l-miżuri proposti f'din id-Direttiva - u approvati mis-sħab soċjali wara konsultazzjonijiet fi ħdan il-qafas tal-ACSH - tiżgura approċċ bilanċjat, jimminimizza l-iżvantaġġi ekonomiċi għan-negozji u t-tfixkil, filwaqt li tipprovdi protezzjoni adegwata tal-ħaddiema fil-livell tal-Unjoni u tkun konsistenti mal-objettivi ewlenin tal-UE, inkluża l-awtonomija strateġika, il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, u t-tranżizzjoni doppja. Għalhekk jenħtieġ li fil-futur ma tiġi kkunsidrata l-ebda eżenzjoni għall-valuri ta' limitu stabbiliti għall-kobalt u għall-komposti inorganiċi tiegħu, filwaqt li l-ACSH jirrakkomanda li tiġi vverifikata l-ħtieġa li jkomplu jitnaqqsu l-valuri ta' limitu mhux aktar tard minn 13-il sena wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.

Or. en

Emenda 54
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema kontra r-riskji relatati mal-karċinoġeni, il-mutaġeni u s-sustanzi riprotossiċi teħtieġ l-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva fl-intrapriżi kollha, b'mod partikolari l-SMEs inklużi l-mikrointrapriżi. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu protezzjoni ugwali għall-ħaddiema kollha u

jiffaċilitaw il-konformità tal-SMEs inklużi l-mikrointrapriżi. F'dan l-isfond, miżuri speċifiċi, bħall-appoġġ finanzjarju u amministrattiv, jistgħu jgħinu lill-SMEs inkluż il-mikrointrapriżi jkomplu jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fid-Direttiva 2004/37/KE u jagħmlu progress biex jeliminaw ir-riskji relatati mal-esponiment għal karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi riprotossiċi fuq il-post tax-xogħol, u b'hekk dan ikun ta' benefiċċju għall-ħaddiema kollha.

Or. en

Emenda 55
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Il-kobalt jintuża f'diversi setturi ta' importanza strateġika biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fil-Liġi tal-Unjoni dwar il-Klima. Filwaqt li huwa kruċjali għal tranżizzjoni industrijali ta' suċċess u biex tiġi stimulata l-ekonomija ċirkolari, il-kobalt huwa wkoll metall perikoluż li joħloq riskji serji għas-saħħa tal-ħaddiema, bħal problemi respiratorji, ħsara fil-qalb, fit-tirojde, fil-fwied jew fil-kliewi u kanċer potenzjali. L-OELs għall-kobalt u għall-komposti inorganiċi tiegħu huma għalhekk meħtieġa biex jgħinu fil-prevenzjoni tal-effetti fit-tul fuq is-saħħa u l-benesseri tal-ħaddiema u biex jappoġġjaw l-attraenza, il-kompetittività u b'hekk is-sostenibbiltà fit-tul tal-industrija tal-kobalt fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 56
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Il-ħaddiema spiss ikunu esposti għal taħlita ta' sustanzi perikolużi fuq il-post tax-xogħol, li jistgħu jżidu r-riskji u jikkawżaw effetti negattivi fuq is-saħħa. Fil-każ ta' esponiment għal taħlita ta' sustanzi li jaġixxu bl-istess mod ta' azzjoni jew fl-istess ċellola jew tessut fil-mira, huwa meħtieġ li tiġi adattata l-implimentazzjoni tal-valuri ta' limitu possibbli tagħhom biex jitqiesu l-effetti kkombinati. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-pumpiera u għall-persunal tas-servizzi ta' emerġenza. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi gwida dwar kif l-ispetturi u l-impjegaturi jenħtieġ li jevalwaw il-konformità u l-prevenzjoni fejn jokkorru diversi karċinoġeni.

Or. en

Emenda 57
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Il-kobalt jintuża f'diversi setturi biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fil-Liġi tal-Unjoni dwar il-Klima, bħas-settur tal-batteriji. Il-konsum tal-kobalt huwa pproġettat li jiżdied b'madwar 330 % sal-2050 bħala riżultat tat-tranżizzjoni ekoloġika[1a]„ u dan jagħmlu partikolarment importanti li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema.
	[1a] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja l-Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva

2004/37/KE, SWD (2025) 192 final https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=celex:52025SC0192#:~:text=Document%2052025SC0192,SWD/2025/192%20final

Or. en

Emenda 58
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Premessa 12c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12c) Id-Direttiva (UE) 2022/431 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2022 li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol talbet lill-Kummissjoni tiżviluppa definizzjoni għal prodotti mediċinali perikoluży, tippubblika linji gwida u tistabbilixxi lista indikattiva ta' prodotti mediċinali perikoluży jew is-sustanzi li jkun fihom. Filwaqt li dan ix-xogħol sar, s'issa l-ebda definizzjoni għal prodotti mediċinali perikoluży ma ġiet inkluża fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-kompletezza legali u tiġi pprovduta ċarezza regolatorja dwar il-kwistjoni, huwa għalhekk xieraq li tiżdied tali definizzjoni f'din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 59
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 12c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12c) Minħabba l-karatteristiċi dannuży tal-kobalt u tal-komposti inorganiċi tiegħu, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-

kobalt u l-materjali li fihom il-kobalt imqiegħda fis-suq tal-Unjoni jiġu prodotti f'kundizzjonijiet ta' sikurezza u saħħa okkupazzjonali li jiggarantixxu livell ta' protezzjoni għall-ħaddiema ekwivalenti għal dak meħtieġ fl-Unjoni, inkluż meta tali materjali joriġinaw minn pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 60
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 12c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12c) Id-data minn madwar l-Unjoni kollha dwar problemi tas-saħħa relatati max-xogħol minħabba l-esponiment għall-kobalt u għall-komposti inorganiċi tiegħu, l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, l-isopren u l-1,4-diossan spiss tkun nieqsa, mhijiex affidabbli jew mhijiex suffiċjenti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa linji gwida u rakkomandazzjonijiet għall-ġbir tad-data mill-Istati Membri biex ittejjeb ir-reġistri tar-rapportar u tal-esponimenti.

Or. en

Emenda 61
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Premessa 12d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(12d) Għall-maġġoranza tas-sustanzi karċinoġeniċi, mhuwiex possibbli li jiġi identifikat livell sikur ta' esponiment permezz tal-inalazzjoni fuq il-post tax-xogħol li taħtu ma jkun jeżisti l-ebda riskju tal-kanċer (l-hekk imsejjaħ "limitu"). Għal dawk il-karċinoġeni**

mingħajr livell limitu, meta jiġu stabbiliti OELs vinkolanti skont id-Direttiva 2004/37/KE, il-valuri ta' limitu xorta jkunu assoċjati ma' riskju residwu. Ħafna minn dawn il-karċinoġeni mingħajr livell limitu ma jistgħux jiġu eliminati jew sostitwiti, u għalhekk huwa meħtieġ li r-riskji li jkun għad fadal jiġu minimizzati u kkomunikati b'mod trasparenti lill-ħaddiema. Ir-riskju residwu huwa definit bħala r-riskju eċċessiv ta' kanċer tul il-ħajja li jikkorrispondi għal OEL vinkolanti partikolari abbażi ta' valutazzjoni xjentifika tar-relazzjoni bejn esponiment partikolari u l-każijiet previsti ta' kanċer (Relazzjoni ta' Riskju ta' Esponiment). Ir-riskji residwi jvarjaw minn OEL vinkolanti għal ieħor, fost l-oħrajn, minħabba li l-aspetti soċjoekonomiċi jitqiesu fil-proċess tal-iffissar ta' OELs vinkolanti. Ir-riskju residwu huwa espress bħala l-għadd ta' każijiet addizzjonali ta' kanċer (minbarra l-għadd mistenni mingħajr esponiment) li huma statistikament mistennija meta koorti ta' ħaddiema jiġu esposti għas-sustanza f'livell ta' esponiment li jikkorrispondi għall-OEL vinkolanti matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom (8 sigħat kuljum, 5 ijiem fil-ġimgħa, karriera ta' 40 sena).

Or. en

Emenda 62
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 12d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12d) L-objettiv primarju ta' din id-Direttiva huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema kontra riskji għas-saħħa u s-sikurezza tagħhom li jirriżultaw minn esponiment għal karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi riprotossiċi fuq il-post tax-xogħol.

Jenħtieġ li l-kunsiderazzjonijiet relatati mal-politika industrijali, il-ktajjen tal-provvista jew l-interessi strateġiċi tal-Unjoni ma jwasslu għall-ebda tnaqqis ta' dak il-livell ta' protezzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-iffissar, ir-reviżjoni u l-implimentazzjoni tal-valuri ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali jkunu primarjament iggwidati mill-ħtieġa li jiġi evitat il-mard okkupazzjonali u li tiġi protetta s-saħħa tal-ħaddiema.

Or. en

Emenda 63
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 12d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12d) Il-valuri ta' limitu stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li jinżammu taħt skrutinju regolari u jiġu rieżaminati mill-anqas kull ħames snin abbażi tal-avvanzi fl-għarfien u fit-teknoloġiji sabiex tiġi żgurata l-konsistenza kontinwa mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u mal-iżviluppi soċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi.

Or. en

Emenda 64
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 12e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12e) Il-ħaddiema huma spiss esposti għal taħlita ta' sustanzi perikolużi fuq il-post tax-xogħol, u dan jista' jżid ir-riskji u jikkawża effetti avversi fuq is-saħħa. Fil-każ ta' esponiment għal taħlita ta' sustanzi li jaġixxu bl-istess mod ta' azzjoni jew fl-istess ċellola jew tessut fil-

mira, huwa meħtieġ li tiġi adattata l-implimentazzjoni tal-valuri ta' limitu possibbli tagħhom biex jitqiesu l-effetti kkombinati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jappoġġjaw u jippromwovu l-applikazzjoni ta' approċċ ta' riskju mħallat fil-valutazzjonijiet tar-riskju u fil-miżuri ta' prevenzjoni fuq il-post tax-xogħol, inkluż billi jipprovdu gwida u billi jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-użu ta' metodoloġiji u għodod xierqa biex jindirizzaw esponimenti kkombinati.

Or. en

Emenda 65
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 12e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12e) Biex jiġi żgurat livell komprensiv ta' protezzjoni, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-effetti ta' esponiment ikkombinat għal sustanzi multipli. Fuq il-post tax-xogħol, il-ħaddiema spiss ikunu esposti għal taħlita ta' sustanzi perikoluż, li jistgħu jżidu r-riskji u jikkawżaw effetti avversi fuq is-saħħa. Fil-każ ta' esponiment għal taħlita ta' sustanzi li jaġixxu bl-istess mod ta' azzjoni jew fl-istess ċellola jew tessut fil-mira, huwa meħtieġ li tiġi adattata l-implimentazzjoni tal-valuri ta' limitu possibbli tagħhom biex jitqiesu l-effetti kkombinati.

Or. en

Emenda 66
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Premessa 12e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12e) Lista ta' riskji residwi assoċjati mal-OELs vinkolanti eżistenti għall-karċinoġeni skont id-Direttiva 2004/37/KE u d-Direttiva 2009/148/KE ġiet adottata b'kunsens mill-ACSH [1a].
	[1a] Dokument 016–25 tal-Opinjoni tal-ACSH tad-WPC dwar ir-Riskji Residwi adottat fl-10.12.2025.
	Or. en

Emenda 67
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 12f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12f) Il-pumpiera u l-persunal tas-servizzi ta' emerġenza huma f'riskju ta' esponiment għal karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi riprotossiċi waqt xogħolhom. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa kklassifikat l-esponiment okkupazzjonali tal-pumpiera bħala karċinoġeniku. L-espożizzjoni okkupazzjonali tal-pumpiera jinkludi varjetà ta' perikli li jirriżultaw minn nirien u avvenimenti li ma għandhomx x'jaqsmu man-nar. Għalhekk huwa importanti li l-impjegaturi tal-pumpiera, inklużi l-pumpiera volontarji, u persunal tas-servizzi ta' emerġenza jivvalutaw, f'konformità mad-Direttiva 2004/37/KE, kif jitnaqqas ir-riskju ta' esponiment għall-karċinoġeni, il-mutaġeni u s-sustanzi riprotossiċi u jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipproteġu s-saħħa u s-sikurezza ta' dawk il-ħaddiema, b'mod partikolari fir-rigward tad-dekontaminazzjoni u l-prevenzjoni f'konformità mad-Direttiva 2009/148/KE wara t-tneħħija tal-asbestos.
	Or. en

Emenda 68
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 12f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12f) Id-Direttiva (UE) 2022/431 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE biex tinkludi sustanzi riprotossiċi, inklużi l-merkurju u l-komposti inorganiċi divalenti tal-merkurju, li żdiedu mal-Anness III tad-Direttiva 2004/37/KE. Peress li mhux il-komposti tal-merkurju inorganiċi divalenti kollha jistgħu jiġu kklassifikati bħala sustanzi riprotossiċi, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-valur ta' limitu japplika biss għall-merkurju u għall-komposti tal-merkurju inorganiċi divalenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE. It-terminu "merkurju u komposti inorganiċi divalenti tal-merkurju inklużi l-ossidu tal-merkurju u l-klorur tal-merkurju (imkejla bħala merkurju)" jenħtieġ li għalhekk jiġi sostitwit bit-terminu "merkurju u komposti inorganiċi divalenti tal-merkurju li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE (imkejla bħala merkurju)".
	[1a] Id-Direttiva (UE) 2022/431 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2022 li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 88, 16.3.2022, p.1).

Or. en

Emenda 69
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Premessa 12f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12f) L-isopren jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniku (tal-kategorija 1B) previsti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu kif definit fid-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk huwa xieraq, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluża d-data xjentifika u teknika, inklużi l-opinjonijiet tal-RAC[1a] u tal-ACSH, li jiġi stabbilit valur ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali fit-tul ta' 8,5 mg/m3 (3 ppm). Dan l-OEL jista' jidħol fis-seħħ mingħajr ebda miżura ta' tranżizzjoni.
	[1a] https://echa.europa.eu/oels-activity-list/-/substance-rev/62301/term

Or. en

Emenda 70
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Premessa 12f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12f) Il-valuri ta' limitu stabbiliti fid-Direttiva 2004/37/KE jenħtieġ li jinżammu taħt skrutinju regolari u jiġu rieżaminati strettament mill-anqas kull ħames snin abbażi tal-avvanzi fl-għarfien u fit-teknoloġiji, sabiex fejn xieraq, jiġi propost aktar tnaqqis fil-valuri ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali.

Or. en

Emenda 71
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 12g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12g) Il-pumpiera u l-persunal tas-servizzi ta' emerġenza huma f'riskju ta' esponiment għal karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi riprotossiċi waqt xogħolhom. F'Lulju 2022, l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC), korp tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, ikklassifikat l-esponiment okkupazzjonali tal-pumpiera bħala karċinoġeniku. L-espożizzjoni okkupazzjonali tal-pumpiera jinkludi varjetà ta' perikli li jirriżultaw minn nirien u avvenimenti li ma għandhomx x'jaqsmu man-nar. Għalhekk huwa importanti li l-impjegaturi tal-pumpiera, inklużi l-pumpiera volontarji, u persunal tas-servizzi ta' emerġenza jivvalutaw, f'konformità mad-Direttiva 2004/37/KE, ir-riskju ta' esponiment għall-karċinoġeni, il-mutaġeni u s-sustanzi riprotossiċi u jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipproteġu s-saħħa u s-sikurezza ta' dawk il-ħaddiema. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-EU-OSHA u l-ECHA jenħtieġ li tiżviluppa gwida tal-Unjoni għas-servizzi ta' emerġenza dwar il-PAHs kif ukoll esponimenti karċinoġeniċi oħra relatati mal-kombustjoni, li tkopri l-istrateġiji ta' valutazzjoni tal-esponiment, id-dekontaminazzjoni, l-iġjene tal-post, l-immaniġġar, il-ħżin u t-tindif ta' tagħmir protettiv personali (PPE), u l-prevenzjoni matul it-tindif. Il-gwida għandha tkopri kemm ir-rotot ta' esponiment dermali kif ukoll dawk ta' esponiment fl-ajru. L-impjegaturi tal-pumpiera jenħtieġ li jimplimentaw miżuri preventivi u protettivi abbażi ta' din il-gwida, kif ukoll jiffaċilitaw is-sorveljanza medika

sistematika, b'mod partikolari wara l-eqqel avvenimenti, sabiex jimmonitorjaw aħjar il-perkorsi mediċi u jtejbu l-ġbir tad-data dwar il-periklu għas-saħħa. Tali data se tikkontribwixxi għal reviżjonijiet u aġġustamenti futuri ta' din id-direttiva, li tiġi żgurata saħħa u sikurezza aħjar għal dawk il-ħaddiema.

Or. en

Emenda 72
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 12g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12g) Id-differenzi speċifiċi għall-ġeneru fix-xejriet tal-esponiment, fis-suxxettibbiltà fiżjoloġika u fl-eżiti tas-saħħa għadhom mhumiex riflessi biżżejjed fir-riċerka dwar is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji kimiċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi integrazzjoni sistematika tad-dimensjoni tal-ġeneru fil-valutazzjonijiet tal-emendi futuri għad-Direttiva 2004/37/KE.

Or. en

Emenda 73
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Premessa 12g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12g) Peress li din id-Direttiva tikkonċerna l-protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, jenħtieġ li tiġi trasposta fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

Or. en

Emenda 74
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Premessa 12h (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12h) L-iffissar ta' valuri ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali huwa kompitu intrinsikament politiku, li jirrikjedi bilanċ bejn l-evidenza xjentifika, il-kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi, il-fattibbiltà teknika u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema. Dawk id-deċiżjonijiet jiddeterminaw il-livell ta' protezzjoni tas-saħħa mogħti lil miljuni ta' ħaddiema madwar l-Unjoni u għalhekk iridu jibqgħu fi proċess demokratiku kompletament trasparenti soġġett għal skrutinju pubbliku u sorveljanza parlamentari. Il-proċedura attwali, li tinvolvi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-ACSH u lill-Parlament Ewropew bħala koleġiżlatur, tiżgura li l-adozzjoni tal-valuri ta' limitu tirrifletti r-responsabbiltà politika aktar milli l-aġġornament tekniku awtomatiku. Huwa għalhekk xieraq li d-deċiżjonijiet ta' tali importanza jkomplu jittieħdu permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u mhux permezz ta' proċeduri simplifikati maħsuba biss għall-implimentazzjoni uniformi jew għall-modifiki mhux essenzjali tal-leġiżlazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ġustifikazzjoni: L-iffissar ta' valuri ta' limitu għal sustanzi mingħajr livell limitu skont din id-direttiva (jiġifieri karċinoġeni mingħajr livell limitu) ifisser li tittieħed deċiżjoni dwar il-livell ta' riskji (każijiet residwi ta' kanċer) li huwa aċċettabbli għall-ħaddiema esposti. Dan huwa element essenzjali tad-Direttiva 2004/37/KE. Hija dejjem deċiżjoni soċjali u politika u ċertament mhux deċiżjoni teknika.

Emenda 75
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 12h (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12h) Hemm il-ħtieġa li l-ħaddiema jirċievu taħriġ suffiċjenti u xieraq abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli meta jkunu esposti jew x'aktarx se jkunu esposti għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi, inklużi dawk li jinsabu f'ċerti prodotti mediċinali perikoluż. It-taħriġ li l-impjegatur huwa meħtieġ li jipprovdi skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2004/37/KE jenħtieġ li jiġi adattat biex iqis riskju ġdid jew li jinbidel, b'mod partikolari meta l-ħaddiema jkunu esposti għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi jew għal għadd ta' karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprptossiċi differenti, inkluż fi prodotti mediċinali perikoluż, jew fil-każ ta' ċirkostanzi li jinbidlu relatati max-xogħol, u ripetuti perjodikament jekk neċessarju.

Or. en

Emenda 76
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel

Proposta għal direttiva
Premessa 12i (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12i) Fid-29 ta' Mejju 2024, l-ACSH adotta Opinjoni[1a] dwar sustanzi kimiċi ta' prijorità għal valuri ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali ġodda jew riveduti skont il-qafas legali tal-Unjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, li fiha lista ta' sustanzi ta' prijorità li għandhom jiġu proposti għall-iżvilupp ta' proposta għal valur ta' limitu tal-Unjoni skont id-Direttiva 2004/37/KE.

B'mod partikolari l-lista tinkludi ħames sustanzi jew grupp ta' sustanzi kklassifikati bħala "Sustanzi prijoritarji immedjati" (Ossimi, Butanon ossim, N-(Idrossimetil) akrilammid (NMA), Organotini u Etilen dibromid). L-ACSH jirrakkomanda bil-qawwa li l-Kummissjoni tuża din il-lista meta tagħżel sustanzi kimiċi biex tiżviluppa proposti leġiżlattivi għal valuri ta' limitu ġodda, jew riveduti, skont is-CMRD.

[1a] Dokument tal-ACSH 006–24, https://circabc.europa.eu/ui/group/cb9293be-4563-4f19-89cf-4c4588bd6541/library/1c3986a7-b583-4382-a6bc-d712eace2b47/details

Or. en

Emenda 77
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 12i (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12i) Il-ħaddiema jistgħu jkunu aktar esposti u aktar vulnerabbli għal tipi differenti ta' sustanzi skont il-ġeneru tagħhom, u dan jenħtieġ li jkun rifless fir-riċerka dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. Jenħtieġ li l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tkun parti integrali mill-iżvilupp tal-politiki kollha tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u tal-istrateġiji ta' prevenzjoni fil-livell tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni jħarsu lejn il-konsegwenzi fuq is-saħħa għall-ħaddiema tas-sustanzi kollha diżaggregati skont il-ġeneru u jenħtieġ li l-Kummissjoni tintegra b'mod sistematiku d-dimensjoni tal-ġeneru fl-emendi futuri għad-Direttiva 2004/37/KE.

Or. en

Emenda 78
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 12j (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12j) Għalkemm l-OELs vinkolanti huma stabbiliti mid-Direttiva 2004/37/KE għall-karċinoġeni mingħajr livell limitu, il-valuri ta' limitu għadhom assoċjati ma' riskju residwu. Peress li ħafna minn dawn il-karċinoġeni ma jistgħux jiġu eliminati, sostitwiti jew minimizzati, il-komunikazzjoni trasparenti tar-riskji li jkun għad fadal lill-ħaddiema hija għalhekk meqjusa bħala meħtieġa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Lista ta' riskji residwi assoċjati mal-Valuri ta' Limitu tal-Esponiment Okkupazzjonali Vinkolanti ta' karċinoġeni skont is-CMRD (2004/37/KE) u d-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol (2009/148/KE) hija disponibbli fuq il-ħolqa li ġejja tal-aġenzija Ewropea EU-OSHA: https://osha.europa.eu/en/legislation/directive/directive-200437ec-carcinogens-or-mutagens-work

Emenda 79
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 12k (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12k) Il-valuri ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali stabbiliti mid-Direttiva 2004/37/KE huma essenzjali biex jiġu żgurati standards minimi fil-livell tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-ħaddiema minn sustanzi perikoluż. Madankollu, dawn il-valuri ma jeliminawx

	kompletament ir-riskji assoċjati mal-esponiment. L-iffissar ta' valuri ta' limitu, u, konsegwentement, il-livell ta' riskji residwi assoċjati magħhom mhuwiex kwistjoni ta' kunsiderazzjoni teknika biss, iżda jirrikjedi valutazzjoni politika kif ukoll deċiżjoni politika. Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja li tinvolvi kemm lill-Parlament Ewropew kif ukoll lill-Kunsill biex jiġu stabbiliti valuri ta' limitu vinkolanti skont id-Direttiva 2004/37/KE hija għalhekk essenzjali f'dan ir-rigward.
	Or. en

Emenda 80
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a – punt ii

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 2, il-punt (a)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(ii) sustanza, taħlita jew proċess imsemmi fl-Anness I ta' din id-Direttiva kif ukoll sustanza jew taħlita rilaxxata minn proċess imsemmi f'dak l-Anness;	"(ii) sustanza, taħlita jew proċess imsemmi fl-Anness I ta' din id-Direttiva kif ukoll sustanza jew taħlita rilaxxata minn proċess imsemmi f'dak l-Anness***, inkluża fil-lista stabbilita f'dak l-Anness minħabba l-effetti karċinoġeniċi tagħha***;"
	Or. en

Emenda 81
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – punt ii

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1a) fl-Artikolu 2, il-punt b(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(ii) sustanza, taħlita jew proċess imsemmi fl-Anness I ta' din id-Direttiva kif ukoll sustanza jew taħlita rilaxxata minn proċess imsemmi f'dak l-Anness;	"(ii) sustanza, taħlita jew proċess imsemmi fl-Anness I ta' din id-Direttiva kif ukoll sustanza jew taħlita rilaxxata minn proċess imsemmi f'dak l-Anness***, inkluża fil-lista stabbilita f'dak l-Anness minħabba l-effetti karċinoġeniċi tagħha***;"
	Or. en

Emenda 82
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1b (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1b) fl-Artikolu 2, il-punt (ba) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(ba) "sustanza tossika għar-riproduzzjoni" tfisser sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1A jew 1B stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;	"(ba) "sustanza tossika għar-riproduzzjoni" tfisser:
	(i) sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1A jew 1B stipulata fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;
	(ii) sustanza, taħlita jew proċess imsemmi fl-Anness I ta' din id-Direttiva kif ukoll sustanza jew taħlita rilaxxata minn proċess imsemmi f'dak l-Anness, inkluża fil-lista stabbilita f'dak l-Anness minħabba l-effetti riprotossiċi tagħha;"
	Or. en

Emenda 83
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1b (ġdid)

Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1b) fl-Artikolu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(ea) "prodotti mediċinali perikolużi" tfisser prodotti mediċinali li fihom sustanza waħda jew aktar li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

Or. en

Emenda 84
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1b (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1b) fl-Artikolu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(ea) "prodotti mediċinali perikolużi" tfisser prodotti mediċinali li fihom sustanza waħda jew aktar li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

Or. en

Emenda 85
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1b (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1b) fl-Artikolu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(ea) "prodotti mediċinali perikolużi" tfisser prodotti mediċinali li fihom sustanza waħda jew aktar li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

Or. en

Emenda 86
Maria Ohisalo

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1c (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1c) fl-Artikolu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:
	(eb) "prodotti mediċinali" tfisser prodotti mediċinali kif definiti fl-Artikolu 1 il-paragrafu 2 tad-Direttiva 2001/83/KE;

Or. en

Emenda 87
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1c (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1c)_ fl-Artikolu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(eb) "prodotti mediċinali" tfisser prodotti mediċinali kif definiti fl-Artikolu 1, il-punt 2 tad-Direttiva 2001/83/KE."

Or. en

Emenda 88
Grégory Allione, Valérie Devaux, Jana Toom, Hristo Petrov, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1d (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt g

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1d) fl-Artikolu 5(5), il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(g) miżuri ta' protezzjoni kollettivi u/jew, meta ***l-esposizzjoni ma tistax tiġi evitata*** b'mezzi oħra, miżuri ta' protezzjoni individwali;	"(g) miżuri ta' protezzjoni kollettivi u/jew, meta ***l-esponiment ma jistax jiġi evitat*** b'mezzi oħra, miżuri ta' protezzjoni individwali***, li għandhom jiġu mmaniġġjati b'mod xieraq u, b'mod partikolari fir-rigward ta' tagħmir respiratorju, li għandu jiġi aġġustat individwalment, inkluż permezz ta' kontrolli ta' kif intlibes, f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE***;***"***

Or. en

Emenda 89
Raúl de la Hoz Quintano, Maravillas Abadía Jover, Markus Ferber, Andrea Wechsler, Marion Walsmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1e (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 5 – paragrafu 5a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1e) fl-Artikolu 5, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"5a. It-Tagħmir ta' Protezzjoni Personali (PPE) għandu jintuża meta jkunu ġew stabbiliti l-miżuri tekniċi u organizzattivi kollha possibbli f'konformità mal-ġerarkija tal-kontrolli biex jiġi eliminat jew minimizzat l-esponiment tal-ħaddiema kif speċifikat f'dan l-Artikolu, iżda l-esponiment residwu xorta jseħħ u ma jistax jitnaqqas

għal-livelli taħt il-limitu stabbilit fl-Anness III. F'każijiet bħal dawn, il-konformità mal-valur ta' limitu applikabbli għas-sustanza karċinoġenika, mutaġenika u riprotossika għandha tiġi ddeterminata billi titqies il-protezzjoni li PPE magħżul, imlibbes u miżmum b'mod korrett jagħti."

Or. en

Emenda 90
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1f (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1f) fl-Artikolu 10, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"2a. Il-ħaddiema għandhom id-dritt għal pawżi proporzjonati u regolari meta jkunu liebsa tagħmir protettiv."

Or. en

Emenda 91
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1f (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1f) fl-Artikolu 10, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"2a. Il-ħaddiema għandhom id-dritt għal pawżi proporzjonati u regolari fi spazju protett meta jkunu liebsa tagħmir protettiv.";

Or. en

Emenda 92
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1g (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 18 a – punt 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1g) fl-Artikolu 18a, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Il-Kummissjoni għandha, bħala parti ***mill-evalwazzjoni*** li jmiss ***tal-implimentazzjoni*** ta' din id-Direttiva ***fil-kuntest tal-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 17a tad-Direttiva 89/391/KEE, tevalwa wkoll il-ħtieġa li jiġi modifikat il-valur*** limitu għat-trab tas-silika kristallina respirabbli. ***Il-Kummissjoni għandha tniedi dan il-proċess fl-2022 u, fejn xieraq, għandha sussegwentement tipproponi, emendi u modifiki neċessarji relatati ma' dik is-sustanza f'reviżjoni sussegwenti ta' din id-Direttiva.***	"1. Il-Kummissjoni għandha, bħala parti ***mir-reviżjoni*** li jmiss ta' din id-Direttiva***, tipproponi valur ta'*** limitu ***aktar baxx*** għat-trab respirabbli tas-silika kristallina***, wara li tikkonsulta lill-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH) u tqis ir-rakkomandazzjoni tiegħu."***

Or. en

Emenda 93
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1h (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 18 a – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1h) fl-Artikolu 18a, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"6a. Mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2027, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis l-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku, u wara konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, tipproponi, fejn xieraq, valur ta' limitu għal sustanzi karċinoġeniċi fl-egżost tal-ġett."

Or. en

Emenda 94
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1i (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 18 a – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1i) fl-Artikolu 18a, il-punt 7 jitħassar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan it-test huwa sempliċiment skadut u baqa' hawn mir-reviżjoni preċedenti tas-CMRD u b'hekk diġà ġie adottat.

Emenda 95
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1j (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 18 a – punt 7

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(1j) fl-Artikolu 18a, il-punt 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:
7. Mhux aktar tard ***mill-31 ta' Diċembru 2024***, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis l-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku, u wara konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, tipproponi***, fejn xieraq, valur*** limitu għall-kobalt u għall-komposti tal-kobalt inorganiċi.	"7. Mhux aktar tard minn ***... [13-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]***, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis l-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku ***u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi***, u wara konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, tipproponi ***valuri ta'*** limitu ***aktar baxxi*** għall-kobalt u għall-komposti inorganiċi tal-kobalt ***minn dawk previsti f'din id-Direttiva***."

Or. en

Emenda 96
Grégory Allione, Valérie Devaux, Jana Toom, Hristo Petrov, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1k (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 18 a – punt 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1k) fl-Artikolu 18a, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"11a. Mhux aktar tard minn ... [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u filwaqt li titqies il-klassifikazzjoni reċenti mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tal-esponiment okkupazzjonali f'ċerti okkupazzjonijiet bħala karċinoġeniċi, il-Kummissjoni għandha tibda konsultazzjoni mal-ACSH dwar il-ħtieġa li tiġi aġġornata r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2337, bil-ħsieb li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jintroduċu dispożizzjonijiet li jiżguraw kumpens aktar adegwat għal mard suspettat li huwa marbut mal-esponiment okkupazzjonali f'ċerti professjonijiet."

Or. en

Emenda 97
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1k (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 18 a – punt 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1k) fl-Artikolu 18a, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"11a. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha tinkludi 'xogħol li jinvolvi l-esponiment għall-emissjonijiet mill-magni tal-inġenji tal-ajru' fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE."

Or. en

Emenda 98
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1k (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 18 a – punt 11b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1k) fl-Artikolu 18a, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(11b) Mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis l-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku, l-opinjoni tal-RAC u wara konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, tipproponi, fejn xieraq, valur(i) ta' limitu għad-dħaħen mill-iwweldjar kif definit fl-Anness I għad-Direttiva 2004/37/KE."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Wara li ġiet inkluża entrata speċifika fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE għal xogħol li jinvolvi esponiment għal dħaħen minn proċessi tal-iwweldjar li fihom sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeni, mutaġeni jew riprotossiċi tal-kategorija 1A jew 1B stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, huwa importanti li jittejbu s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema esposti għal dawn id-dħaħen tal-iwweldjar biex l-entrata fl-Anness I tiġi kkomplementata bil-valur(i) ta' limitu korrispondenti fl-Anness III.

Emenda 99
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn […] ***[Il-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni se jkun qasir kemm jista' jkun u, ġeneralment, mhux se***	L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn […] ***[sentejn] wara d-dħul fis-seħħ tagħha***. Huma għandhom jgħarrfu minnufih lill-

jaqbeż is-sentejn]. Huma għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Or. en

Emenda 100
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ***mhux aktar tard minn […] [Il-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni se jkun qasir kemm jista' jkun u, ġeneralment, mhux se jaqbeż is-sentejn]***. Huma għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.	L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa **...** l-aktar tard ***[sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]*** Huma għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Or. en

Emenda 101
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Anness – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Anness I – titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) fl-Anness I, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Lista ta' sustanzi, taħlitiet u proċessi (l-Artikolu 2, il-punti (a)(ii) ***u*** (b)(ii))	"Lista ta' sustanzi, taħlitiet u proċessi (l-Artikolu 2, il-punti (a)(ii)**,** (b)(ii) ***u (ba)(ii))***";

Or. en

Emenda 102
Maria Ohisalo

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Anness – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2004/37/KE
Anness I – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Xogħol li jinvolvi l-esponiment għad-dħaħen minn proċessi ***tal-iwweldjar*** li fihom sustanzi li jissodisfaw il-kriterji ***għal sustanza jew taħlita*** li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008[1];	9. Xogħol li jinvolvi l-esponiment għad-dħaħen mill-iwweldjar ***u minn*** proċessi ***li jiġġeneraw dħaħen b'mod simili,*** li fihom sustanzi ***jew taħlitiet*** li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/[1] ;
[1] L-esponiment ma għandux ikun iktar mill-valur limitu ta' karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika kif stabbilit fl-Anness III meta dawk is-sustanzi jiġu rilaxxati matul il-proċess tal-iwweldjar.	[1] L-esponiment ma għandux ikun iktar mill-valur limitu ta' karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika kif stabbilit fl-Anness III meta dawk is-sustanzi jiġu rilaxxati matul il-proċess tal-iwweldjar.

Or. en

Emenda 103
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Elena Donazzan; Chiara Gemma

Proposta għal direttiva
Anness – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2004/37/KE
Anness I – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Xogħol li jinvolvi l-esponiment għad-dħaħen minn proċessi tal-iwweldjar li fihom sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għal sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008[1] ;	9. Xogħol li jinvolvi l-esponiment għad-dħaħen minn proċessi tal-iwweldjar ***u dawk assoċjati*** li fihom sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għal sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008[1] ;

[1] L-esponiment ma għandux ikun iktar mill-valur limitu ta' karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika kif stabbilit fl-Anness III meta dawk is-sustanzi jiġu rilaxxati matul il-proċess tal-iwweldjar.

[1] L-esponiment ma għandux ikun iktar mill-valur limitu ta' karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika kif stabbilit fl-Anness III meta dawk is-sustanzi jiġu rilaxxati matul il-proċess tal-iwweldjar.

Or. en

Emenda 104
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Anness – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2004/37/KE
Anness 1 – punt 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Xogħol li jinvolvi l-esponiment għal prodotti mediċinali perikoluż li fihom sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stipulati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

Or. en

Emenda 105
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Anness – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2004/37/KE
Anness I – punt 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Xogħol li jinvolvi l-esponiment għal prodotti mediċinali perikoluż li fihom sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stipulati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

Or. en

Emenda 106
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Anness – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2004/37/KE
Anness I – punt 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***9a. Xogħol li jinvolvi l-esponiment għal prodotti mediċinali perikoluż li fihom sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stipulati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;**

Or. en

Emenda 107Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Elena Donazzan; Chiara Gemma

Proposta għal direttiva
Anness – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2024/37/KE
Anness III – punt A – ringiela 21

Test propost mill-Kummissjoni

			Valuri ta' limitu							
			8 sigħat (3)			*Terminu qasir (4)*				
Isem tal-aġent	Nru KE (1)	Nru CAS (2)	mg/m3 (5)	ppm (6)	f/ml(7)	mg/m3	ppm	f/ml	Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
Taħlitiet ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, b'mod partikolari dawk li fihom il-benżo[a]piren, li huma karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi skont it-tifsira ta' din id-Direttiva			0,00007(*2)						Ġilda (10)	Valur ta' limitu 0,00014 (*2) sa... [ĠU: sitt snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendatorja] limitat għas-setturi li ġejjin: (1) fonderiji tal-azzar u tal-ħadid, li jinkludu manifatturi tal-ferroligi, (2) manifatturi tal-aluminju, (3) manifatturi tal-elettrodi tal-karbonju u tal-grafit, (4) impjanti tal-produzzjoni tal-kokk, (5) distillazzjoni tal-qatran tal-faħam, (6) manifatturi tal-prodotti refrattorji, (7) l-iwweldjar tal-binarji tal-ferrovija, (8) proċessi metallurġiċi oħra li ma jinvolvux il-ħadid, u (9) l-ikkastjar tal-metalli.

[1] L-esponiment ma għandux jaqbeż il-valur ta' limitu ta' karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza tossika għar-riproduzzjoni kif stabbilit fl-Anness III meta dawk is-sustanzi jiġu rilaxxati matul il-proċess tal-iwweldjar.

Emenda

			Valuri ta' limitu			
			8 sigħat (3)	*Terminu qasir (4)*		

Isem tal-aġent	Nru KE ([1])	Nru CAS ([2])	mg/m^3 ([5])	ppm ([6])	f/ml([7])	mg/m^3	ppm	f/ml	Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
Taħlitiet ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, b'mod partikolari dawk li fihom il-benżo[a]piren, li huma karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi skont it-tifsira ta' din id-Direttiva			0,00007([*2])						Ġilda ([10])	Valur ta' limitu 0,00014 (*2) sa... [ĠU: sitt snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendatorja] limitat għas-setturi li ġejjin: (1) fonderiji tal-azzar u tal-ħadid, li jinkludu manifatturi tal-ferroligi, (2) manifatturi tal-aluminju, (3) manifatturi tal-elettrodi tal-karbonju u tal-grafit, (4) impjanti tal-produzzjoni tal-kokk, (5) distillazzjoni tal-qatran tal-faħam, (6) manifatturi tal-prodotti refrattorji, (7) l-iwweldjar tal-binarji tal-ferrovija, (8) proċessi metallurġiċi oħra li ma jinvolvux il-ħadid, u (9) l-ikkastjar tal-metalli***u (10) s-settur tal-kostruzzjoni***.

[1] L-esponiment ma għandux jaqbeż il-valur ta' limitu ta' karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika kif stabbilit fl-Anness III meta dawk is-sustanzi jiġu rilaxxati matul il-proċess tal-iwweldjar.

Or. en

Emenda 108
Raúl de la Hoz Quintano, Maravillas Abadía Jover, Markus Ferber, Andrea Wechsler, Marion Walsmann

Proposta għal direttiva
Anness – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Direttiva 2004/37/KE
Anness III – punt A – ringiela 21

Test propost mill-Kummissjoni

			Valuri ta' limitu							
			8 sigħat ([3])			*Terminu qasir ([4])*				
Isem tal-aġent	Nru KE ([1])	Nru CAS ([2])	mg/m^3 ([5])	ppm ([6])	f/ml([7])	mg/m^3	ppm	f/ml	Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
Taħlitiet ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, b'mod partikolari dawk li fihom il-benżo[a]piren, li huma karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi skont it-tifsira ta' din id-Direttiva			0,00007([*2])						Ġilda ([10])	Valur ta' limitu 0,00014 (*2) sa... [ĠU: ***sitt*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendatorja] limitat għas-setturi li ġejjin: (1) fonderiji tal-azzar u tal-ħadid, li jinkludu manifatturi tal-ferroligi, (2) manifatturi tal-aluminju, (3) manifatturi ***tal-elettrodi*** tal-karbonju u tal-grafit, (4) impjanti tal-produzzjoni tal-kokk, (5) distillazzjoni tal-qatran tal-faħam, (6) manifatturi tal-prodotti refrattorji, (7) l-iwweldjar tal-binarji tal-ferrovija, (8) proċessi metallurġiċi oħra li ma jinvolvux il-ħadid, u (9) l-ikkastjar tal-metalli.

[1] L-esponiment ma għandux jaqbeż il-valur ta' limitu ta' karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika kif stabbilit fl-Anness III meta dawk is-sustanzi jiġu rilaxxati matul il-proċess tal-iwweldjar.

Emenda

			Valuri ta' limitu			
			8 sigħat (3)	*Terminu qasir (4)*		

Isem tal-aġent	Nru KE ([1])	Nru CAS (2)	mg/m^3 ([5])	ppm ([6])	f/ml([7])	mg/m^3	ppm	f/ml	Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
Taħlitiet ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, b'mod partikolari dawk li fihom il-benżo[a]piren, li huma karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi skont it-tifsira ta' din id-Direttiva			0,00007([*2])						Ġilda ([10])	Valur ta' limitu 0,00014 (*2) sa... [ĠU: ***għaxar*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendatorja] limitat għas-setturi li ġejjin: (1) fonderiji tal-azzar u tal-ħadid, li jinkludu manifatturi tal-ferroligi, (2) manifatturi tal-aluminju, (3) manifatturi tal-elettrodi tal-karbonju u tal-grafit, (4) impjanti tal-produzzjoni tal-kokk, (5) distillazzjoni tal-qatran tal-faħam, (6) manifatturi tal-prodotti refrattorji, (7) l-iwweldjar tal-binarji tal-ferrovija, (8) proċessi metallurġiċi oħra li ma jinvolvux il-ħadid, u (9) l-ikkastjar tal-metalli.

[1] L-esponiment ma għandux jaqbeż il-valur ta' limitu ta' karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza tossika għar-riproduzzjoni kif stabbilit fl-Anness III meta dawk is-sustanzi jiġu rilaxxati matul il-proċess tal-iwweldjar.

Or. en

Emenda 109
Nora Mebarek, Estelle Ceulemans, Marc Angel, Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Anness I – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2004/37/KE
Anness III – punt A – tabella – ringiela 42a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Isem tal-aġent	Nru KE ([1])	Nru CAS (2)	mg/m^3 ([5])	ppm ([6])	f/ml([7])	mg/m^3	ppm	f/ml	Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
Isopren	***201-143-3***	***78-79-5***	***8,5***	***3***	-	-	-	-		

Or. en

Emenda 110
Grégory Allione, Valérie Devaux, Jana Toom, Hristo Petrov, Martin Hojsík

Proposta għal direttiva
Anness I – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2004/37/KE
Anness III – punt A – tabella – ringiela 42a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Isem tal-aġent	Nru KE ([1])	Nru CAS (2)	mg/m³ ([5])	ppm ([6])	f/ml([7])	mg/m³	ppm	f/ml	Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
Isopren	***201-143-3***	***78-79-5***	***8,5***	***3***	-	-	-	-		

Or. en

Emenda 111
Maria Ohisalo

Proposta għal direttiva
Anness I – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2004/37/KE
Anness III – punt A – tabella – ringiela 42a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Isem tal-aġent	Nru KE ([1])	Nru CAS (2)	mg/m³ ([5])	ppm ([6])	f/ml([7])	mg/m³	ppm	f/ml	Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
Isopren	***201-143-3***	***78-79-5***	***8,5***	***3***	-	-	-	-		

Or. en

Emenda 112
Per Clausen

Proposta għal direttiva
Anness I – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2004/37/KE
Anness III – punt A – tabella – ringiela 42a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Isem tal-aġent	Nru KE ([1])	Nru CAS (2)	mg/m³ ([5])	ppm ([6])	f/ml([7])	mg/m³	ppm	f/ml	Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
Isopren	***201-143-3***	***78-79-5***	***8,5***	***3***	-	-	-	-		

Or. en

Emenda 113
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Anness – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2004/37/KE
Anness IIIa

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-valur ta' limitu bijoloġiku vinkolanti huwa 45 mg HEAA* fl-awrina/g ta' kreatinina.**"**	Il-valur ta' limitu bijoloġiku vinkolanti huwa 45 mg HEAA* fl-awrina/g ta' kreatinina.***, imkejjel fl-aħħar tal-esponiment jew fl-aħħar tax-shift***.

Or. en